# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 371/2015**

Il-Pulizija

vs

**Carmel Micallef**

iben Joseph, imwieled Pieta', fis-26 ta' Novembru, 1939, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 826339(M)

Illum, 7 ta' Marzu, 2017

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Carmel Micallef quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli ghan-nom u in rapprezentanza ta' Melway Limited (C 18276) u/jew bhala persuna registrata mal-Kummissarju tat-Taxxi, skont l-Att ta' l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Numru XXIII ta' l-1998) u regolamenti maghmula bis-sahha ta' l-istess Att, fis-16 ta' Jannar, 2014 gewwa 56, Triq Hal Bajjada, Rabat, jew hu jew impjegati tieghu, jew xi persuna ohra li kienet qed tagixxi ghan-nom tieghu, naqas li jaghti jew jipproduci ricevuta/i fiskali permezz ta' cash register fiskali jew kotba ta' ricevuti fiskali manwali kif approvati mill-Kummissarju, li jikkonformaw mal-htigijiet specifikati fil-partita 13 tat-Tlettax –il Skeda li

tinsab ma' l-Att ta' l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud skont il-kumpens lilu imhallas ghal dik il-provvista, u dan bi ksur tal-partiti 1, 2, 3, u 10 ta' l-imsemmija Skeda u l-artikoli 51 u 77 (a) u (e) u 81 u 82 ta' l-Att Nru. XXIII ta' l-1998.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-1 ta' Lulju, 2015 fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 51, 77(a)(e) u 82 u l-partiti 1, 2, 3, u 10 tat-Tlettax –il Skeda tal-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hati ta' l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u ikkundannatu multa ta' disa' mitt Euro (€900).

Rat ir-rikors tal-appellant Carmel Micallef ipprezentat fit-13 ta' Lulju, 2015 fejn talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza moghtija fl-1 ta' Lulju, 2015 mill- Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali (kif preseduta mill-Onor. Magistrat Dr. D. Clarke LL.D fil-kawza fl-ismijiet 'Il-Pulizija -vs- CarmeI Micallef') u tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni u htija; minghajr prejudizzju, f'kaz li dan l-appell ma jintlaqax joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tapplika penali iktar gusta u ekwa ghal kaz.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

(i) Illi l-akkuza kif dedotta ma tista' qatt tirrizulta stante illi minn apprezzament tal-provi jirrizuta bic-car li l-grad tal-prova rikjesta fil-kamp penali ma gietx sodisfatta;

(ii) Illi mix-xhieda tal-prosekuzzjoni u cioe' Lara Ann Agius u Jonathan Fenech gew ikkonfermati s-segwenti fatti:

Illi ma kienx hemm kontestazzjoni li dakinhar tas-16 ta' Jannar, 2014 ma sarx bejgh.

(iii) Illi jekk gialadarba mhux kontestat li fis-16 ta' Jannar, 2015 ma sarx bejgh anzi gie kkonfermat mix-xhieda tal-prosekuzzjoni li dakinhar ma sarx bejgh allura ma tissustix l-akkuza li "fis-16 ta' Jannar, gewwa 56, Triq Hal Bajjada - Rabat jew int jew impjegati tieghek jew xi persuna ohra li kienet qed tagixxi ghan-nom tieghek, inqast li taghti jew tipproducti ricevuta/i fiskali...";

(iv) Illi kif huwa risaput fil-kamp penali huwa rikjest li l-provi kontra l-imputat ikunu tant skjaccanti li ma thalli l-ebda dubju f'mohh il-gudikant li l-imputat huwa hati liema provi jwasslu ghall-konvinciment tal-gudikant 1i jkun lil' hinn minn kull dubju ragonevali;

(v) Illi a bazi tas-suespost bid-dovut rispett l-appellant umilment jissottometti illi f'dan il-kaz hawn iktar minn dubju peress li mix-xhieda tal-prosekuzzjoni stess hemm ammissjoni li dakinhar tas-16 ta' Jannar, 2014 ma sarx bejgh u ghalhekk 1-allegazzjoni/imputazzjoni li dakinhar tas-16 ta' Jannar, 2014 l-appellant ghamel bejgh izda ma hareg ircevuta ma gietx ppruvata anzi giet kontradetta mix-xhieda tal-prosekuzzjoni stess u dan sar permezz tax-xhieda taghhom kif ukoll tal-kopja tal-lista mill-pitazz li allegatament huma bejgh li saru fil-15 ta' Jannar, 2014 izda ma giet prezentata l-ebda lista simili jew prova ohra li tikkonferma li ghal dakinhar tal-akkuza u cioe' 16 ta' Jannar, 2014 sar bejgh u ta' tali bejgh ma nhargitx ircevuta fiskali.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi dan hu kaz sommarju u din il-Qorti kellha tisma mill-gdid il-provi prodotti quddiem l-ewwel Qorti.

Illi mill-provi li semghet din il-Qorti ma jirrizulta ebda ncident li gara fis-16 ta' Jannar, 2014. Ix-xhieda prodotti ma gabu ebda prova minn fejn din il-Qorti setghet tasal ghal konkluzjoni li fis-16 ta' jannar, 2014 l-appellant ghamel xi bejgh u konseqwenza ta' dan kellha tinhareg ricevuta fiskali. Ix-xhieda prodotti jaghmlu biss referenza ghal bejgh li gara l-gurnata ta' qabel jigifieri fil-15 ta' Jannar, 2014. Hu car li l-appell ghandu jirnexxi.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet tilqa l-appell ta' Carmel Micallef. Thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tillibera lill-appellant minn kull htija u piena.